

Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16131/24

JEUN 283
EDUC 443
SOC 865
EMPL 591

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Fidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-25 u s-26 ta' Novembru 2024.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027¹, tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, fl-oqsma tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ madwar l-UE u fl-Istati Membri permezz ta' strumenti speċifiċi – inkluż il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
2. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ issegwi perjodi ta' ħidma triennali tul żewġ Triji ta' Presidenzi. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-perjodi ta' ħidma rispettivi huma ppreżentati fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji gwida u l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, u jindirizzaw kwistjonijiet taż-żgħażaġh f'konfigurazzjonijiet u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill fl-oqsma ta' politika rilevanti.
3. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE huwa strument li jaħdem bħala boxxla u jiggwida lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jilhqqu l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, 2018/C 456/01.

JIEĦDU NOTA LI

4. Il-Kunsill ser jistipula dawn il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE abbażi ta' informazzjoni preliminari riċevuta mit-triju ta' presidenzi mill-pajjiżi li ġejjin: il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru, u l-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja.
5. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet ippreżentati f'dan il-programm ta' ħidma triennali (imħejji mit-triju ta' presidenzi matul il-perjodu 2025-2027, fl-Anness) għandhom jiġu riveduti matul l-ewwel nofs tal-2026 u r-reviżjoni ser tiġi approvata sal-aħħar ta' Ġunju 2026 mill-Kunsill u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill.
6. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġh² kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027³ ipprovdew kontribut biex tissaħħaħ aktar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, b'mod partikolari billi komplew jaċċelleraw l-oġettivi tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, inkluż permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (EUYD) u bl-implimentazzjoni tat-test taż-żgħażaġh fil-livell Ewropew.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (COM/2024/1 final).

³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.

7. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkomplementa azzjonijiet mill-Istati Membri deskritti f'dan il-Pjan ta' Ħidma, b'mod partikolari billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni, tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh u ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh, u billi tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika. L-għodod żviluppati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ jinkludu l-EUYD, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ tal-UE⁴, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ, it-test taż-żgħażaġh fil-livell Ewropew u l-attivitajiet ta' taġħlim reċiproku (gruppi ta' esperti, attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari (PLA) u konsulenza bejn il-pari). Din tista' tiġi appoġġata minn aġġornamenti u skambji regolari mal-Istati Membri dwar il-prijoritajiet tal-politika nazzjonali dwar iż-żgħażaġh u l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni, il-Wiki taż-Żgħażaġħ, id-Dashboard taż-Żgħażaġħ tal-UE⁵ u l-indikaturi taż-żgħażaġh, l-istħarriġ, l-istudji u r-riċerka. L-appoġġ jista' jissaħħaħ aktar permezz ta' programmi fil-qasam taż-żgħażaġh (b'mod partikolari Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà⁶) u sħubijiet u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u n-Nazzjonijiet Uniti.
8. Hemm bżonn li l-EUYD ikompli jevolvi u jikber biex jissalvagwardja l-progress fl-inklużjoni miksub matul iċ-ċikli preċedenti pereżempju billi jkompli jżid il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet u l-gruppi sottorappreżentati. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-proċessi ta' kondiviżjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-EUYD ma' dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra. Għandha tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' viżibbiltà u komunikazzjoni u l-importanza tal-monitoraġġ biex jittejjeb l-impatt tal-EUYD sabiex il-parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati jiġu infurmati dwar is-segwitu fil-livell tal-UE, dak nazzjonali, dak reġjonali u dak lokali.

⁴ L-ispeċifitàjiet tal-grupp għad iridu jiġu ddeterminati.

⁵ Eurostat, Children and youth, EU youth dashboard (It-Tfal u ż-Żgħażaġħ, id-dashboards taż-żgħażaġh tal-UE).

⁶ Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027. (COM/2024/162 final).

9. Fl-2025-2026, il-Kummissjoni ser tnedi proċess ta' kokreazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha taż-żgħażaġh għat-tħejjija tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss wara l-2027. Dan ser jinkludi l-mobilizzazzjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ, l-organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti bħall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ fl-2026 u kampanja online, u jistgħu jkunu parti mill-konsultazzjonijiet tal-EUYD. Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ tal-2025 skedata għat-28-30 ta' Mejju 2025, f'Malta, li tista' tikkontribwixxi għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss.
10. L-eżitu tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu (previsti għal tmiem l-2024) tal-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ser jikkontribwixxi għat-tħejjijiet għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi. Dan ser jinkludi konsultazzjonijiet fuq diversi livelli mal-partijiet ikkonċernati taż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh biex jiġi żgurat proċess ta' kokreazzjoni sabiex il-programmi jirrispondu għall-ħtiġijiet u l-isfidi li jiffaċċaw iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL BIEX

11. Jipprovdu opportunitajiet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fil-qasam taż-żgħażaġh biex jiddiskutu l-futur tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2027, inkluż permezz tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u b'appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea, sabiex ikun hemm l-aħjar sinerġiji possibbli mal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi u biex jintlaħqu l-objettivi doppji tal-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh, filwaqt li l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ issir aktar faċli biex tinftiehem mill-ministeri rilevanti kollha u partijiet ikkonċernati oħra minħabba n-natura trasversali tagħha.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

12. Tiżgura konsultazzjoni interna transsettorjali fl-istadju bikri tat-tfassil tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġh⁷, sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-oqsma kollha ta' politika.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022, COM (2024) 1 final.

Pjan ta' Ħidma għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027⁸

Data	Metodu ta' ħidma/strument	Mira indikattiva u riziultati	Għanijiet relatati dwar iż-żgħażaġh	Rabta mal-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ ⁹	Propost minn
PL, DK, CY Suġġett ġenerali: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1					
2025 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar komunità ta' żgħażaġh Ewropej ibbażata fuq valuri universali għal Ewropa komuni u sigura	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1 Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		PL
2025 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni tal-Kunsill li ssaħħaħ il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		PL

⁸ Ikkompilat mill-Presidenza Ungeriża abbażi tal-informazzjoni preliminari riċevuta mit-triju ta' presidenzi PL-DK-CY u IE-LT-EL.

⁹ Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (2020/C 415/01).

2025 (l-ewwel nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ (Lublin, 2-5 ta' Marzu, 2025)	Tisħiħ tal-identità Ewropea fost iż-żgħażaġh Ewropej abbażi tal-valuri tat-trattati kif ukoll l-implimentazzjoni tal-proċess ta' konsultazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1 Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		PL
2025 (l-ewwel nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ (Lublin, 5-6 ta' Marzu, 2025)	Diskussjonijiet dwar il-futur tal-programmi tal-UE, jiġifieri Erasmus+ u Korp Ewropew ta' Solidarjetà; rieżami tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027; integrazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġh	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1 Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		PL
2025	Laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ tal-UE (mill-inqas laqgħa waħda fis-sena)	Faċilitazzjoni tal-iskambji u l-konsultazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar l-inizjattivi ta' politika li ġejjin	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1 Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		COM

2025 (l-ewwel nofs)	Adozzjoni tar-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ				COM
2025 (l-ewwel nofs)	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh	Sensibilizzazzjoni u skambju ta' esperjenzi dwar approċċi u mekkaniżmi għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh, u r-rabta ma' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ imsaħħaħ			COM
2025 (l-ewwel nofs)	Ir-raba' Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (28-30 ta' Mejju 2025, Malta)	Ħidma lejn proposta għal Qafas Strateġiku Ewropew biex tiġi implimentata l-politika dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh u tiġi rikonoxxuta l-prattika tal-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh (<i>it-titolu għad irid jiġi kkonfermat</i>)			MT, COM
2025 (it-tieni nofs)	Seminar/workshop/webinar dwar ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Sensibilizzazzjoni dwar informazzjoni ewlenija dwar il-progress tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u s-sitwazzjoni taż-żgħażaġh			COM

2025 (it-tieni nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż- Żgħażaġħ li tiffoka fuq il- programmi li jmiss tal- Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l- parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija	Żieda fil- parteċipazzjoni taż- żgħażaġh fid- demokrazija	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #11: Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u Programmi Ewropej		DK
2025 (it-tieni nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż- Żgħażaġħ li tiffoka fuq il- programmi li jmiss tal- Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l- parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fid-demokrazija	Żieda fil- parteċipazzjoni taż- żgħażaġh fid- demokrazija	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #11: Organizzazzjonijiet taż- żgħażaġh u Programmi Ewropej		DK
2025	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar il-politika lokali dwar iż- żgħażaġh	Sensibilizzazzjoni u skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki dwar il-politika lokali dwar iż-żgħażaġh	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ # 3 Soċjetajiet Inklużivi		BG

2026	Laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ tal-UE (mill-inqas laqgħa waħda fis-sena).	Konsultazzjoni fil-qafas tal-proċess ta' kokreazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha għat-tnejn tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss			COM
2026	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija għall-ħidma fost iż-żgħażaġħ	Bħala segwitu tar-raba' Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ			MT, COM
2026 (l-ewwel nofs)	Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026	Il-Kummissjoni Ewropea torganizza l-avveniment tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ kull sentejn biex tiċċelebra u tippromwovi l-involviment, il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġħ.	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		COM

2026 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2025-2027 (reviżjoni)	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		CY
2026 (l-ewwel nofs)	Riżoluzzjoni dwar l-eżiti tal-11-il Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		CY
2026 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bini tal-fiduċja taż-żgħażaġh fil-proġett tal-UE	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh. Subgħan 1.6: Il-bini tal-fiduċja taż-żgħażaġh fil-proġett tal-UE bl-indirizzar tad-defiċit demokratiku, in-nuqqas ta' trasparenza u viżibilità		CY

2026 (l-ewwel nofs)	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Konklużjoni tal-11-il Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ/Diskussjoni tal-prijorità ta' CY dwar il-bini tal-fiduċja taż-żgħażaġh fil-proġett tal-UE	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh		CY
2026 (l-ewwel nofs)	Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh. (b) Il-futur tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh.		CY

IE, LT, EL

Suġġett ġenerali: Informazzjoni u Djalogu kostruttiv u spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd

L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ: #4 u #9

2026 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' spazji għaż-żgħażaġh: Il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-ispazji għaż-żgħażaġh	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv		IE
2026 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' ambjent li jappoġġa b'mod attiv liż-żgħażaġh biex jinvolve ruħhom fi djalogu rispettuż, tolleranti u mhux vjolenti, online u offline	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv		IE

2026 (it-tieni nofs)	<i>(poss.)</i> Konferenza/seminar dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni adattati għaż-żgħażaġh	Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv		IE
2026 (it-tieni nofs)	Informazzjoni u komunikazzjoni adattati għaż-żgħażaġh tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-Diretturi Ġenerali <i>(poss.)</i> Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv		IE, COM

2027 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett ta' Ewropa Sigura	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		LT
2027 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett tal-involviment ċiviku – il-bidla permezz tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh – u l-litteriżmu medjatiku taż-żgħażaġh	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		LT
2027 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett tat-tishiġh tas-saħħa fiżika u emozzjonali taż-żgħażaġh	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #5: Saħħa u Benessri Mentali		LT
2027 (l-ewwel nofs)	Konferenza dwar is-suġġett ta' Ewropa Sigura	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-Diretturi Ġenerali (<i>poss.</i>) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #4: Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		LT

2027	Laqgħa tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati taż-Żgħażaġħ tal-UE (mill-inqas laqgħa waħda fis-sena).				COM
2027	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ wara l-2027				COM
2027	Attività ta' taġlim bejn il-pari (is-suġġett għad irid jiġi definit)				COM
2027 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ħiliet taż-żgħażaġh vulnerabbli	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	§1 §4 §10(a) §21	EL

2027 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-12-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		EL
2027 (it-tieni nofs)	Konferenza/seminar dwar il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fi proċessi demokratiċi Ewropej	Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki	L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #9: Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ #1: Konnessjoni bejn l-UE u ż-żgħażaġh	§4 §6 §21	EL
2027 (it-tieni nofs)	Konferenza ministerjali informali jew laqgħa ta' livell għoli jew Laqgħa tad-DĠ għaż-Żgħażaġħ	Skambju ta' ideat bejn id-DĠs dwar il-prijoritajiet Griegi	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		EL
2027 (it-tieni nofs)	(<i>poss.</i>) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss 2028-2036	Approvazzjoni mill-Kunsill	L-Għanijiet Ewropej kollha dwar iż-Żgħażaġħ		EL